Brussell, 30 ta' Settembru 2024

***Kandidatura għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew***

Għażiża President tal-Parlament Ewropew,

Wara s-sejħa għal applikazzjonijiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ([1]), jiena, Emilio DE CAPITANI, hawnhekk qed inressaq l-applikazzjoni tiegħi bil-għan li niġi elett bħala l-Ombudsman Ewropew għal-leġiżlatura 2024-2029.

Niddikjara wkoll li nikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-REGOLAMENT (UE, Euratom) 2021/1163 TAL-PARLAMENT EWROPEW tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom, pereżempju li

- Jien ċittadin tal-Unjoni Ewropea,
- Ingawdi minn drittijiet ċivili u politiċi sħaħ,
- Noffri kull garanzija ta' indipendenza,
- Nissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex f'pajjiżi nwettaq l-ogħla funzjonijiet ġuridiċi jew ikolli l-kompetenza u l-kwalifiki meħtieġa biex nissodisfa l-obbligi mistennija mill-Ombudsman, u
- Niddikjara li ma kontx membru ta' gvernijiet nazzjonali jew membru tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kummissjoni Ewropea fi żmien sentejn qabel id-data tal-pubblikazzjoni tas-sejħa għan-nomini.

Hawnhekk nehmeż:

- - il-formoli tal-PE bil-firem tal-Membri tal-Parlament Ewropew li qed jappoġġjaw il-kandidatura tiegħi (ara l-lista t'hawn taħt)
- is-CV tiegħi u kopja tal-Karta tal-Identità

Ninsab għad-dispożizzjoni tiegħek għal kwalunkwe informazzjoni oħra li jaf tkun teħtieġ.

Dejjem tiegħek,

Emilio De Capitani

[1] Is-sejħa għal applikazzjonijiet ġiet ippubblikata fit-30 ta' Awwissu: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/4914/oj?eliuri=eli%3AC%3A2024%3A4914%3Aoj&locale=mt